

Brussell, 16 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12407/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0226(NLE)

TRANS 354
RELEX 1104

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq, fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova
dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq,
fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq¹ (il-"Ftehim") ġie ffirmat mill-Unjon fid-29 ta' Ġunju 2022, u ilu jiġi applikat b'mod proviżorju minn dik id-data, f'konformità mad- Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1165² Huwa daħal fis-seħħ fil-21 ta' Awwissu 2023.
- (2) L-Artikolu 6(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt biex jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u perjodikament iwettaq rieżami tal-funzjonament tal-Ftehim fid-dawl tal-oġettivi tiegħu.
- (3) Id- Deċiżjoni Nru 2/2022 tal-Kumitat Kongunt³, estendiet id-durata tal-Ftehim sat-30 ta' Ġunju 2024. Id- Deċiżjoni Nru 1/2024 tal-Kumitat Kongunt⁴, estendiet ulterjorment id-durata tal-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2025.
- (4) Il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa' wkoll sa mhux aktar tard minn tlett xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim biex jivvaluta u jiddeċiedi dwar il-ħtieġa għal kontinwazzjoni ulterjuri ta' dan il-Ftehim.
- (5) Sabiex kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Repubblika tal-Moldova jkomplu jibbenefikaw mill-Ftehim, jenħtieġ li jkompli sal-31 ta' Marzu 2027.

¹ ĠU L 181, 7.7.2022, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2022/1165/oj.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1165 tas-27 ta' Ġunju 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 181, 7.7.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1165/oj>).

³ ĠU L 79, 17.3.2023, p. 185, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/604/oj>.

⁴ ĠU L, 2024/1266, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1266/oj>.

- (6) Il-Kumitat Konġunt, matul il-laqgħa tiegħu, għandu jadotta deċiżjoni dwar il-ħtieġa għal kontinwazzjoni ulterjuri tal-Ftehim..
- (7) L-att previst tal-Kumitat Konġunt ser ikollu effetti legali. Għalhekk ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu dwar tibdiliet minuri fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
